

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Diċembru 2011 —
Konsum Nord vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-244/08)

“Għajjnuna mill-Istat — Prezz tal-bejgħ ta’ art — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha — Kriterju ta’ investitur privat — Determinazzjoni tal-prezz tas-suq”

1. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Natura legali — Interpretazzjoni bbażata fuq elementi oġġettivi — Stħarriġ ġudizzjarju — Portata (Artikolu 87(1) KE) (ara l-punti 37, 38)*
2. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Evalwazzjoni fid-dawl tal-elementi rilevanti kollha tat-tranżazzjoni inkwistjoni u tal-kuntest tagħha — Bejgħ ta’ art li jagħmel parti minn sensiela ta’ tranżazzjonijiet marbuta u intiżi sabiex jippermettu l-implementazzjoni ta’ pjan ta’ urbanizmu (Artikolu 87(1) KE) (ara l-punti 56-58)*
3. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Evalwazzjoni skont il-kriterju ta’ investitur privat — Evalwazzjoni fid-dawl tal-elementi rilevanti kollha tat-tranżazzjoni inkwistjoni u tal-kuntest tagħha — Bejgħ ta’ art minn awtorità pubblika lil persuna privata minkejja l-eżistenza ta’ offerta li tinkludi prezz iktar għoli — Paragunabbiltà bejn iż-żewġ offerti — Kriterji ta’ evalwazzjoni (Artikolu 87(1) KE) (ara l-punti 61-63, 65, 72, 76)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/366/KE, tat-30 ta’ Jannar 2008, dwar għajjnuna mill-Istat C 35/06 (ex NN 37/06) implimentata mill-Iżvezja għal Konsum Jämtland Ekonomisk Förening (ĠU L 126, p. 3).

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/366/KE, tat-30 ta' Jannar 2008, dwar għajnuna mill-Istat C 35/06 (ex NN 37/06) implimentata mill-Iżvezja għal Konsum Jämtland Ekonomisk Förening, hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Konsum Nord ekonomisk förening

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Diċembru 2011 — Meica vs UASI — Bösinger Fleischwaren (Schinken King)

(Kawża T-61/09)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Talba għat-trade mark Komunitarja verbali Schinken King — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti King — Trade marks nazzjonali u Komunitarji verbali preċedenti Curry King — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009)”

Trade mark Komunitarja — Defnizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 40, 41, 51-53, 57-62)